Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 42**
**Tlieta 30 ta'Awissu**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier(Hareg 08:30pm)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Emanuel Brincat : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku
Judy Sciberras : Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

42.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Emanuel Brincat , Romina Galea u Jude Sciberras li talbu li jkunu skużati.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

42.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-41 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni li ġiet miżjuda fil- minuti 41.4.03.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

Is-Sur Maurice Agius talab għal sospensjoni tas-seduta
Sospensjoni tas-seduta.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ktieb għat-tfal Doqqu Doqqu Milied Malti u f'isem l-awtur ppreżenta kopja iffirmata lil kunsill Lokali .
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai irringrazzjat lis- Sur Maurice Agius u qalgħet li jekk il-prezz ikun tajjeb dan jista' jkun kunsidrat biex jiġi inkluż mal-attività Rotta Qari fil-Milied kif ġiet proposta fl-Espressjoni ta Interess - Milied 2022 (SPI.SCI.08.2022).

**42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

42.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li Nanniet Malta bagħtu l-programm ta' laqgħat fil-bini tal-kunsilli lokali li se jsiru bejn Awwissu sa' Diċembru 2022 fejn l-Erbgħa 22 Settembru se tkun go L-Imsida bħala Hub ġdida bejn il- 5 u 7 p.m. Ma dan bagħtu ukoll programm ta'safar u attivitajiet soċjali.

42.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar komunikazzjoni mill- parroċċa b'dettalji ta' toroq minn fejn se tgħaddi il-purċissjoni ta' San Franġisk nhar il-Hadd 18 ta'Settembru u dik tal-Madonna tar- Rużarju nhar il-Hadd 2 ta'Ottubru.

42.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar komunikazzjoni li saret ma' l-MTA dwar lukanda ġdida go Triq tal-Hriereb u l-permessi għal siġġijiet u mwejjed relatati ma' PA/06630/21. Meta l-kunsill Lokali kien sar jaf b'din l-applikazzjoni kien bgħat oġġezzjoni iżda il-PA ma aċċettawx minħabba li kien skada iż-żmien. Hekk kif jidher minkejja li kien hemm xi oġġezzjoni minn TM ukoll il-Planning Board / Commission approva l-estensjoni proposta go zona fuq spazju miftuħ pubbliku għal catering fuq barra li tinkludi struttura bit-tinda bl-imwejjed u siġġijiet. Fil- preżent il-kunsill qed joġġezzjona ukoll dwar estensjoni ta' struttura oħra ta'attività kummerċjali oħra simili aktar l-isfel go l-stess triq.

Is-Sur Charles Selvaggi ġibed l-attenzjoni dwar il- lukanda ġdida go Triq tal-Hriereb u tkellem dwar sinjali li saru fit-triq li s- Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dawn ma'sarux mill- kunsill. Hawn spjega li għal lukanda jista' jkun hemm il-ħtieġa ta'spazju allokat għal loading/unloading bay jew jekk huwa permess għal estensjoni iżda hemm permess biex saru dawk id-double yellow lines?

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa wasal rapport u ma' jafx jirrispondi iżda għad irrid immur fuq il-post ukoll biex jara x'hemm eżatt imbagħad imexxi skond dak li jsib mal-awtoritajiet konċernati.

**42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

42.4.01 B'referenza għal minuti 41.3.03 u 41.3.04, Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar kif il-proġett tal-promenade go Xatt Ta'Xbiex jidher li waqa' lura u kif il-proġett ta'drenaġġ jidher li miexi b'ritmu mgħaġġel sew. Hawn staqsa jekk hemmx xi koordinazzjoni bejn iż-żewġt proġetti u jekk id-dewmien ta'wieħed hux se jaffettwa l-ieħor. Staqsa wkoll dwar x'multi hemm fit-tender tal-proġett għal-promenade jekk il-kuntrattur mhux se jlesti fil-ħin.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ħadet nota u wieġbet li trid titkellem ma' l-entitajiet li qed jieħdu ħsieb iż-żewġt proġetti.Għamlet ukoll referenza għal minuti 41.4.03 u tkellmet dwar bankina fuq in-naħa tal-proġett ta'drenaġġ fejn għarrfet il-kunsilliera preżenti li l-istima biex issir madum li jikkumplimenta ma'dak tal-promenade faċċata għada ma waslitx.

42.4.02 B'referenza għal minuti 41.4.06, Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar ir-rampa fil-bankina ta' Triq Prinċipessa Margaret għax dan ilu xhur <jaghdi biz-żmien lill kullhadd>u staqsa jekk kienx hemm x'żviluppi. Tkellem ukoll biex il-kunsill jikkonferma mal- Kunsill Lokali Ta'Xbiex dwar il-garanzija u biex jmexxi b'azzjoni legali.

Mibdula <jaghdi biz-żmien lill kullhadd>

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad rrid jikkonferma dwar il-garanzija mal-Kunsill Lokali Ta'Xbiex.

Is-Sur Maurice Agius Ilmenta li il-kunsill ilu jaf li l-permess tal-PA ħareġ fuq Ta'Xbiex u staqsa il-għala dan id-dewmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dak li qed jagħmel fil-mument huwa li jara x' hemm eżatt ma' l-PA għalhekk tkellem mal-perit tal-Kunsill biex jivverifika qabel ma' tittieħed azzjoni li jkun hemm bżonn. Iżda se jitkellem mas- Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta'Xbiex biex jikkonferma li din il-garanzija għada ma'għaddietx.

42.4.03 B'referenza għal minuti 41.4.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li saret laqgħa mal-kuntrattur għal- kollezzjoni ta' skart domestiku fejn għarfitu li qed jidħlu bosta ilmenti li dan mhux qed jagħti servizz kif suppost fosthom li qed jibda sew qabel il-ħin tal-iskeda, jiddepożita l-boroż fil-kantunieri minn qabel sew li jkun se jasal it-trakk u jħallu wara il-bibien boroż li jkunu ħarġu qabel ma jgħaddi t-trakk. Tinġabar il-borża biss u jħalli hemm materjal li jkun hemm mal-boroż jew dak li jaqaw mill-boroż imqatta'. Hawn spjegat aħjar kif l-kuntrattur qed jħalli kollox hemm għax waqt l-istess laqgħa kien qal li dan għandu ssir mill-Kenniesa. Spjegat ukoll li għalkemm fil-kuntratt dan suppost qed jiġbor l-iskart mill-bins inkluż tal-klieb meta jkun imiss il-ġbir ta'skart mħallat, dan mhux qed ssir u l-kunsill il-ħin kollu qed jiġbed l-attenzjoni. Barra minn dan minħabba li kien ġie introdott il-ġbir ta'skart organiku kien sar ftiehem mal-kuntrattur biex jbattlu numru ta' bins minn ċertu postijiet fil-ġurnata tal-borża organika iżda apparti li dan mhux qed ibattal qed jitlob il-ħlas għal kull ġurnata tax- xahar. Fl-istess ħin għamlet referenza wkoll għal minuti 41.7.01, dwar il-kuntratt tal-knis fejn qalgħet li dan ma' jistax ikompli jaħdem b'inqas minn tlett Kenniesa u ġieli xejn għalhekk il-kunsill għandu jara kemm qed jkun hemm Kenniesa kull jum u jnaqqas il-pagament ta'dawk nieqsa.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar meta kien ġibed l-attenzjoni ta' wieħed mill-kolletturi mat- trakk dwar il-gmieh ta' boroż fil-kantuniera ta' toroq u dan b'arroganza wieġbu bl-ingliz ''it is not your buisness''. Għalhekk jekk dan mhux se jirranġa jew se jibqa' ma' jagħtix każ allura għandu jitwaqqaf u jinstab kuntrattur ieħor b' direct order sa' kemm hemm bżonn. Semma wkoll dwar il-kenniesa fejn spjega li ġieli tkellem wieħed minnhom u li qallu li < gieli kien hemm xahar shih li > dan ikun waħdu għax il-kuntrattur ma' jibgħat lil ħadd miegħu.

Mibdula: < gieli kien hemm xahar shih li >

Il-Kunsilliera preżent ddiskutew is-sitwazzjoni preżenti taz-żewġt kuntratti u miżuri li jistgħu jittieħdu fosthom tnaqqis fil-ħlas lill kuntratturi rispettivi.

42.4.04 B'referenza għal minuti 41.4.09 għarraf lil kunsilliera preżenti li fl-aħħar ġranet ġiet komunikazzjoni li se jibdew jiġu installati l-Reverse Vending Machines, fejn il-Bring in Site ta' Swatar u dik ta' Triq l-Irmiġġ.

42.4.05 B'referenza għal minuti 41.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li qed jinġabru l-istimi għal power-wash żgħira li tkun addattata biex issir ċertu xogħol ta' ħasil u tindif ta' volum żgħir.

42.4.06 B'referenza għal minuti 41.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-laqgħa dwar Introduzzjoni tal-Pulizija tal-Komunità fl-Imsida tħassret u posposta għal ġurnata oħra aktar il-quddiem

42.4.07 B'referenza għal-minuti 41.4.20 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk saritx l-istima biex ssir fanal f'nofs is-central strip ta' Triq L Zahmenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa tkellem iżda għad irrid immur fuq il-post mal-kuntrattur biex jaraw x'hemm bżonn ssir minħabba is-servizzi u dwar arblu li jrid jinqala minn nofs bankina.

42.4.08 B'referenza għal- minuti 41.5.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ta' informazzjoni ma' uffiċjali tal-LESA li huma nkarigati biex jagħmlu superviżjoni ta' CCTV installati go numru ta' zoni fil-Lokalità biex ikun magħrufa dettalji dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu sal- gurnata. Ġew diskussi wkoll diffikultajiet biex tagħrif l-individwi li jinqabdu fuq il-kameras jabbużaw u dwar miżuri li jistgħu jittieħdu biex dawn il-kameras ikunu aktar effettivi.

Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti biex ikun verifikat jekk hux possibbli il-footage ta' min jabbuża jkun ppublikat fuq il-medja soċjali.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota biex jivverifika dwar dak li huwa permess mill-GDPR.

42.4.09 B'referenza għal minuti 41.5.02 dwar Espressjoni ta' Interess - Cleanup The World Campaign 2022, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni għal fondi biex jitnaddaf is-sit tal-gibjun go Triq il-Wied li se ssir nhar il-Gimgha16 ta'Settembru. Għamel referenza wkoll għal minuti 41.5.02b dwar espressjoni ta' interess għal finanzjament Milied 2022, li għaliha saret applikazzjoni biex titwettaq il-proposta għal librerija mobbli fuq vettura tal-Linja klassika mżejna għal milied akkumpanjata minn kor u tqassam il-kotba lit-tfal.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar aktar dettalji dwar kif se jsiru iż-żewġt attivitajiet.

42.4.10 B'referenza għal minuti 41.5.03 dwar it-Tielet Sejħa SGS relatat ma' għotjiet żgħar kofinanzjat mill-Mekkaniżmu ta' Finanzjament Norveġiż għal proġetti, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li s-Sur Charles Selvaggi kien ippropona investiment f'vann elettriku biex jintuża bħala shuttle bus madwar il-Lokalità tal-Imsida. B'dan il-mod ir-residenti ikunu jistgħu jiċċaqalqu minn żona għal oħra mingħajr ma jużaw il-karozzi tagħhom. Din il-proposta tinkludi wkoll waqfa fl-isptar u waħda fil-klinika użata mir-residenti mill-inqas darba kuljum fl-itinerarju li jkun operat mit-Tnejn sal-Ġimgħa u forsi s-Sibt nofs ġurnata. Hawn spjega li ma' dak li hemm deskritt fil-linji gwida sezzjoni 3 u 4 l-attività mhix eliġibbli skond il kriterji iżda l-kunsill jista' jikkunsidra dak li hemm go Cir AKL 2022/076'' Launch of ''EUROPEAN MOBILITY WEEK 2022''.Hawn kompla jispjega li din hi kompetizzjoni fejn Il-miżura rebbieħa tingħata għotja ta'€50,000 filwaqt li l-ewwel runner-up , se jingħata għotja ta' €30,000 u It-tieni runner up se jingħata għotja €25,000. Iżda kontra snin ta'qabel hemm speċifikat ukoll kundizzjoni li biex tapplika għal van u dan ikun jista' jiġi kunsidrat, il-proposta trid toffri pjani elaborati ta'proġett holistiku għal miżura permanenti ta' mobbilità li tkun sostenibbli. Għalhekk minkejja li sal-Hadd 4 ta' Settembru fadal biss ftit aktar minn erba' t'ijiem, jekk il-kunsilliera preżenti jaqblu l-proposta ta'shuttle tista' tiġi rranġata u addattata mal-kriterji ta' din il-kompetizzjoni imbagħad preżentata b'objettivi elaborati u pjan holistiku.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

42.4.11 B'referenza għal minuti 41.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk hux se tittieħed deċiżjoni dwar aktar parkeġġ riservat għal ħtiġijiet ta' ħidma tal-kunsill.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ġa' esperiment l-opinjoni tagħha li ma' taqbilx ma'parkeġġ riservat għal kunsill minħabba li ġa hemm problemi ta'parkeġġ għar-residenti. Is-Sinjuri Jean Claude Borg u Sur Nicholas J Chircop għamlu l-stess.

Matul id-diskussjoni s-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar is-suġġett ta' parkeġġ għar-residenti fejn spjega li għalkemm dan ġie diskuss bosta drabi fil passat għadu xorta ma'jistax jaċċetta il-fatt fejn hemm lokalitajiet li għandhom konfini mal-Imsida u permess minn TM biex jgawdu minn din is-distema. Spjega kif din toħloq inġustizzja meta resident mill-Imsida go triq konfini magħhom ma'jistax jipparkja go parkeġġ minn dawn għax inkella jieħu ċitazzjoni filwaqt li bil kontra dawn jistgħu iħallu l-vettura go parkeġġ f'l-Imsida. Hawn fakkar meta ftit ta'snin ilu l-kunsill kiteb lil Ministru responsabbli ta'dak iż-żmien li kien bgħat ir-risposta tiegħu għalhekk qed jistaqsi jekk wasalx il-mument li l-kunsill jerġa jikteb lil Ministru responsabbli ġdid u jitlob biex jekk ir-risposta tkun l-Istess almenu tittieħed deċiżjoni minn TM biex sistemi ta' parkeġġ għar-residenti jispiċċaw minn kullimkien.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ħadet nota.

**42.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

42.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li għadu kemm ħareġ ktieb "Karmelu tar-Raħal t'Isfel" miktub mis-Sur Charles Buttigieg. Dan Il-ktieb jiġbor fih stejjer li juru l-hajja tat-tfal fiż-żmien ta' wara l-gwerra u joħloq tifkiriet ukoll lil adulti li kienu jgħixu f'dawn iż-żminijiet. Għalhekk Il-kunsill lokali jista' jikkunsidra li jixtri dan il-ktieb bil-għan jingħata donazzjoni fl-iskola primarja tal-Lokalità.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

42.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li fuq talba tal-Prof Godfrey Baldacchino li huwa id-Delegat tar-Rettur tal-European University of the Seas, saret laqgħa online bil-għan li jiġu żviluppati r-relazzjonijiet formali mal-lokalità li ilha aktar minn 50 sena tospita l-kampus ewlieni tal-Università ta' Malta. Waqt il-laqgħa ġew diskussi numru ta' proposti għall-kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta u il Kunsill Lokali tal-Imsida li jistgħu jwasslu għal sensiela ta' inizjattivi.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li għandu jiġi mfassal draft ta' MOU għal kollaborazzjoni biex jiġi ratifikat.

42.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet l BTIN li huwa Netwerk tal-Bliet u Gżejjer fil-Fruntiera" twaqqaf f'Diċembru 2019. Dan Kien wieħed min-riżultati ewlenin tal-proġett "Snapshots from the Borders" u huwa magħmul biss minn awtoritajiet lokali ta' bliet li jinsabu fil-fruntieri Ewropej jew li huma fost l-ewwel li jirċievu jew joffru residenza lil dawk li jfittxu l-ażil. L-għan tal-BTIN huwa li jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-appoġġ reċiproku fost il-bliet tal-fruntiera u li jġib il-vuċi ta' dawn l-ibliet fit-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali, Ewropej u Istituzzjonijiet internazzjonali. Għalhekk din tiffoka fuq kwistjonijiet relatati mas-solidarjetà bejn il-bliet u l-pajjiżi, il-ħtiġijiet komuni tal- komunitajiet lokali, modi aktar effiċjenti għall-akkoljenza tal-immigrant , kollaborazzjoni biex jiżdiedu ir-responsabbiltà kon diviża tal-Istati Ewropej u tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u d-djalogu fost l-awtoritajiet lokali jew fi ħdan il-komunitajiet. Dan jinkludi: Networking u skambju tal-aħjar prattiki, Ħidma ta' politika komuni fil-livelli nazzjonali u tal-UE, attivitajiet ta' komunikazzjoni kon diviżi li jgħollu l-vuċijiet mill-fruntieri u sistemi edukattivi komuni għall- komunitajiet lokali, immirati kemm lejn iċ-ċittadini lokali kif ukoll immigranti.

Hawn spjegat kif L-Imsida hija komunità li ġa affettwata b'mod qawwi mill-immigrazzjoni u hija ukoll fost dawk il- lokalitajiet ta' fuq quddiem nett fil-fruntiera tan-Nofsinhar. Għalhekk wara li il-kunsill lokali diġà ipparteċipa f'xi attivitajiet tal-proġett "Snapshots from the Borders" il-Lokalità qed tiġi mistiedna u mħeġġeġ biex ssir membru tan-netwerk.

Hawn kompliet tispjega kif din is-sħubija tipprovdi opportunitajiet lill-Imsida biex ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-kunsilli ta' bliet oħra li qed jiffaċċjaw sfidi simili; tkompli ssemma' t-tħassib tagħha kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa; tibni l-kapaċitajiet tagħha biex tipprovdi soluzzjonijiet fejn jirbaħ kulħadd għall-komunitajiet tagħha; taqsam il-prattiki tajba tagħha stess fuq livell nazzjonali u internazzjonali; U iżżid l-opportunitajiet għall-aċċess għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropea jew minn sorsi oħra biex jimplimentaw proġetti, flimkien mas-sħab Ewropej.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-kunsill lokali jissieħeb ma' Netwerk tal-Bliet u Gżejjer fil-Fruntiera"

42.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il European Week of Regions and Cities li se ssir f'Ottubru fejn l-Assoċjazzjoni għamlet arranġamenti għal titjira ma' l-Airmalta lejn Brussell bi prezz speċjali li ħa' ħsieb iħallas ir-Reġjun. Hawn spjegat li dawk li applikaw huma ntitolata Per Diem allowance għal xogħol fuq safar skond il-klassi applikabbli. Din tammonta għal €242 kull ġurnata biex tkopri l-ispejjez għal lukanda u ikel.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament il-Per Diem allowance għal membri tal-kunsill lokali li ser jipparteċipaw fil-European Week of Regions and Cities.

42.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waslet talba għal għajnuna mill- Msida St Joseph F.C (Nursery) biex jinġabru fondi li bihom ikunu jistgħu jibdlu il-flood lights tal-grawnd stmati li jiswew €3500.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba fejn saret referenza għal skemi ta' talbiet għal fondi li hemm fil-preżent u approvaw unanimament li fejn possibbli il-Kunsill Lokali għandu jara kif jista' jgħin minn skemi li jistgħu jkunu applikabbli .

42.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waslet talba għal ta' €114.56 fuq vettura kawża ta' ħofra go Triq Oscar Zammit.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fil-ġranet li kien sar dan l-aċċident kien wasal ukoll rapport dwar ħofra li feġġet wara xita qawwija. Spjega ukoll li meta mar fuq il-post osserva kif l-istat tat- triq fejn ir-road humps kien ħażin ħafna tant li kien hemm bżonn ssir bosta patching. Għalhekk il-livell ta'ħsara deskritta li kien hemm fir-rota tal-vettura seta kien ikkawżat minħabba il-ħofra indikata.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew it talba u approvaw unanimament

42.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-proġett tal-grawnd tal-Futbol fejn issa jidher li dan mhux se jsir u staqsa dwar il-possibilità ta'proġett biex l-gibjun ssir parkeġġ b'ġnien fuqu.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li matul il-ġurnata saret laqgħa mal-periti tal-kunsill dwar affarijiet oħra li hemm għaddejja fil-mument iżda din il-proposta ġiet ukoll diskussa biex jaraw x'jinvolvu proġett bhal dan. Hawn kompliet tispjega li waqt il-laqgħa ġiet diskussa il-possibilità biex il-kunsill jippreżenta proposta ta'interess biex japplika għal fondi minn Skema SPI/SCI/9/2022 biex ssir l-embelishment go Pjazza Victor Denaro fejn saret referenza wkoll għal minuti 41.4.10 relatat mal-applikazzjoni għal tiswija tal-funtana go l-stess pjazza.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-funtana u ssuġġerixxa biex il-funtana ma'ssirx l-istess bħal ma' kien hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l'applikazzjoni ġa' ġiet preżentata b'disinn, pjanti u stimi għalhekk jekk il-fondi jiġu approvati l-iskema ma' tippermettix li jsir tibdil.

42.5.08 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar rapport li ġa għamel ftit ta'żmien ilu fejn kien hemm bowser li qed jagħmel ħafna storbju waqt tisqijja ta' sigar go Triq Achille Ferris f'3:30 ta' filgħodu
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota u wieġeb li jiftakar rapport simili go Ċirku Msida fejn kellmu lil ġardinar iżda ma'jafx għal liema raġuni qed ssir tisqijja go l- biċċa ta' Achille Ferris għax din mhux responsabiltà tal-kunsill għalkemm darba kien deċiż li ssir xi żbir u tindif fiha.
Is-Sur Alfred Farrugia wieġeb li se jivverifika ma' l-ġardinar.

42.5.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-muturi, motor cycle bays u jekk hux permess li mutur ikun go u jieħu spazju ta' parkeġġ normali.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mutur jista' jkun go parkeġġ normali għalkemm suppost irrid ikun hemm ċertu prudenza. Hawn kompla jispjega li fil mument għadu qed jipprova jifhem għala il-LESA qed jgħidu li M.C miżbugħa mal- art mhux biżżejjed biex tindika parkeġġ għal mutur iżda jrid ikun hemm bilfors tabella ma'arblu biex jieħdu azzjoni.

42.5.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli ssir traffic hump fin naħa ta' fuq ta' Triq Johnny Catania.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li sa fejn jiftakar kien ġa applika ma’TM u saret waħda ftit ta'żmien ilu iżda se jmur jara dwar din it-talba.

42.5.11 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l- e-scooters u l-inkonvenjent li qed iġibu u għalkemm din tista’ tkun biċċa xogħol iebsa għal amministrazzjoni qed jipproponi biex il-kunsill jaħdem fuq proġett biex dawn jinġabru mit-toroq mill- kunsill u sidien rridu jħallsu biex jeħduhom lura.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-e scooters għandhom liċenzja ta' traffiku regolata mil-awtorità li hija Trasport Malta għalhekk il-kunsill ma' jistax jaqbad u jiddeċiedi hu li jinforza billi jmur jiġbor dawn u jitlob ħlas ta’multa mingħajr awtorità li jagħmel hekk.
Is-Sindku wieġbet li r-Regjun Ivant ġa' għamel laqgħa apposta u nieda press release fuq dawn filwaqt li fil-mument għaddejjin ukoll diskussjonijiet mill-AKL mal-awtoritajiet konċernati

42.5.12 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-aħħar żviluppi meta ġiet imwaqqa’ parti minn bini li kien għadu kif inbena go l-iskola primarja tal-Imsida u dwar min se jkun responsabbli.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li waqt li saru spezzjonijiet ta'xogħol osservaw li kien hemm xi nuqqasijiet u ttieħdet azzjoni immedjata mill- awtorità li qed tieħu ħsieb il-proġett. Sa fejn hu magħruf dawk li kienu responsabbli għan nuqqas qed iġorru dan il-piż iżda dik hija xi haġa legali tal-entita li qed tmexxi il-proġett. Fl- istess ħin saru x'tibdiliet fil-pjanti biex ikun akkomodat aktar parkeġġ u xogħol għandu jkompli għaddej.

42.5.13 Is-Sur Maurice Agius talab biex ssir stop sign goTriq Makna tas- Serrar ma'Triq Johnny Catania
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

42.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar double yellow lines li kienu saru ftit snin ilu minħabba aċċess ta' garage li dak iż-żmien kien ġustifikat minħabba raġunijiet ta'saħħa. Issa minħabba li ma'għadx hemm bżonn iktar qed jitlob biex dan is-sinjal jitħassar u jinbidel f’parkeġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li go l-stess triq ftit metri ‘l fuq hemm parkeġġ ieħor għad-diżabili li kien sar għal resident li issa għandu wieħed go triq oħra għalhekk jista jigi wkoll parkeġġ normali.

42.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-minuti li mhux qed ikun hemm ċans jarahom sew għax qed jintbagħatu tard u staqsa l-għala dan meta suppost dawn jitqassmu għand il-kunsilliera minn ħames ġranet ta'xogħol qabel.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fejn kien possibbli dejjem bgħat il-minuti qabel is-seduta. Fil-fatt bgħat l-aħħar minuti b'email nhar il- Ġimgħa 26 ta'Awissu. Iżda sa fejn jaf hu dawn mhux msemmija minn ħames ġranet ta'xogħol qabel għalhekk talab lil kunsill biex għal bżonn iġib il-kopja tal-liġi u ssir verifika mal-ewwel.

Is-Sindku wieġbet li wara is-seduta se tivverifika mal-liġi u tagħti risposta darba oħra.

42.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ix-xogħol li qed ssir go Triq tal-Qroqq u meta se jkun lest it-tarmak minħabba li hemm il-frame ta'tappieri li huwa għoli u jista’ jikkawża ħsara go tyres jew roti tal-vetturi.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jkellem lill perit tal-kuntrattur involut f'xogħol biex jimla b’tarmak ma'dawra tal-frame ta'tappieri.

42.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar xi sinjali quddiem hanut go Triq Dijonisju Famucelli.
Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota u wieġeb li l-ewwel rrid immur fuq il-post biex jara eżatt x'hemm.

42.5.18 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar x'ħsibijiet biex ssir Attività tal-Milied fin-naħa ta' ġewwa u fil- pjazza. Tkellem ukoll dwar il-kalendarju u l-idea ta' fotografija b' temi medjevali jew ta'trasport b'żwiemel bħal karozzini u mezzi oħra tal-passat u tkellem dwar idea li xtaq jipproponi biex il-quddiem jiġi kunsidrat ssir il presepju Msidjan.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew fuq dawn l-ideat u biex ikun studjat x'jista' ssir fihom. Is-Suġġett għadu miftuħ għal aktar diskussjoni l-quddiem.
Is-Sur Maurice Agius ħareġ fit 8:30pm

42.5.19 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar idea biex apparti it-tiżjin tal- milied ikun hemm ukoll għaddejja melodiji tal-milied fit-toroq.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li jinġabru xi stimi biex l-idea tkun diskussa aktar il-quddiem.

42.5.20 Minħabba li l-ħin statutorju għas-seduta kien wasal biex jiskadi il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jkomplu bl-aġenda ħlief id-diskussjoni dwar il-proposti mill-għaqda ta'dgħajjes għal emendi f'il-Byelaw tal-Iskall li ġiet differita għal seduta apposta li għanda ssir l-Erbgħa 7 ta'Settembru fill 5:00 p.m.

42.5.21 <Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar kif din is-sena ma'kienx Mizjuda < >
hemm sejħa għal skema biex il-kunsill jingħata fondi biex jgħin lill cat feeders. Għalhekk qed tipproponi biex il-kunsill jikkunsidra li jieħu ħsieb joffri l-assistenza tiegħu permezz ta'vouchers għal ikel kif kien jagħmel taħt dawn l-skemi.
Is-Sur Charles Selvaggi s-sekonda il-proposta
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.>

**42.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma kienx hemm rapporti

**42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

42.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-42 ta' ħlasijiet bejn 27 ta'Lulju sa 30 ta' Awissu 2022. Hawn talab lill kunsilliera preżenti biex jieħdu deċiżjoni skond dak diskuss aktar qabel dwar il-pagamenti relatati mal-Kuntratti tal-knis u l-ġbir ta'Skart domestiku.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet li jsir tnaqqis mill-ħlas fejn hemm magħruf il- ġranet li kien hemm inqas minn tlett Kenniesa u biex ma' jsir l-ebda pagament għal dak mitlub li huwa relatat ma' ġbir tal-bins meta dawn huma suppost qed jinġabru fil-ġurnata ta'skart mħallat mill-kuntrattur għal ġbir tal-iskart domestiku.
Saret diskussjoni qasira bejn il-kunsillier preżenti li qablu unanimament.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u staqsa jekk hemm xi mistoqsijiet dwar pagamenti l-oħra.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew il-kumplament tal-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Charles Selvaggi u s-sekondat mis-Sur Nicholas.J.Chirchop. .

Il-Kunsilliera preżenti approvaw il-kumplament tal-iskeda unanimament.

**42.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

42.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:49 ta' filgħaxija, fejn il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li d-diskussjoni dwar l-emendi fil Byelaw tal L-Iskall għanda tkun differita għal L-Erbgħa 7 ta'Settembru fill 5:00 p.m. filwaqt li data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 27 ta'Settembru 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 27 ta'Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |